MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Mandat Numru. 144/2010/1

Bank of Valletta plc

Vs

Bryvarc Limited

Illum it-Tlieta, 18 ta’ Jannar 2011.

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors prezentat fid-29 ta’ Settembru 2010 li permezz tieghu Bryvarc Limited qeghda titlob ir-revoka tal-mandat in kwantu dan kien jirreferi ghall-magni MPR5800 u MPR5000, peress li l-magna:-

a. **MPR5000** hi proprjeta ta’ Global Network Engineering S.r.l. u li nghata b’kera lil Bryvarc Limited.
b. **MPR5800** hi wkoll proprjeta ta’ Global Network Engineering S.r.l u kienet ghand Bryvarc Limited bi prova mill-bidu tas-sena 2010.

Rat it-twegiba tal-Bank of Valletta plc prezentata fis-7 ta' Ottubru 2010.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Illum il-bank gie kanonizzat kreditur ta' Bryvarc Limited ghas-somma ta' disgha mija u tnejn u ghoxrin elf u sitta u tmenin ewro (€922,086) [ara sentenza **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited** – Rikors 67/2010]. Kawza li jirrizulta li ghaddiet f'gudikat ghaliex ma sarx appell. Dan ifisser li l-mandat kawtelatorju sar ezekuttiv bis-sahha tal-Artikolu 838B tal-Kap. 12.

2. Mix-xhieda li nstemghu jirrizulta li l-Bank of Valletta plc ghamel hlas lil Global Network Engineering s.r.l ghax-xiri tal-magna MPR5000. Skond Charles Massa, ufficjal tal-bank, thallset is-somma ta' miljun u sitt mitt elf ewro (€1,600,000) fi tlett rati. Fil-fatt gew prezentati wkoll dokumenti (fol. 69-71) li jikkonfermaw tali hlas. F'dokument daata 31 ta' Marzu 2009 mahrug minn Bryvarc Ltd lil Global Network Engineering s.r.l, li permezz tieghu hemm konferma ghax-xiri tal-magna 5800 jinghad espressament li: *"Payments will be issued by Bank of Valletta that will provide the loan for this supply, as stated in their sanction letter dated 25th February 209 (Ref: CC3/GVjc)."*.

3. Kull ma ressqet Bryvarc Limited in sostenn tat-tezi taghha hi kopja ta' ittra li ntbaghatet lil Antonio Faranda (direttur tas-socjeta rikorrenti) minn certu Alessandro Forni ghal Global Network Engineering s.r.l. datata 21 ta' Settembru 2010, fejn jikkonferma li:-

a. Il-magna MPR5800 ma kenitx inxtrat kif kien miftiehem fil-bidu tal-2010;
b. Il-magna MPR5000 kienet mikrija lil Bryvarc Limited, u peress li ma thallsitx il-kera, Global Network Engineering s.r.l.;

u ghalhekk talbet li jigu ritornati dawn il-magni.

Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru: 152/2010 (**George Zammit proprio et nomine vs Bryvarc Ltd**), hemm ukoll kopja ta' dikjarazzjoni li jidher li saret minn Antonio Faranda li m'hijiex guramentata. Fiha jinghad li l-magna MPR5800 qatt ma nxtrat minghand Global Network Engineering s.r.l. ghaliex l-impjegati kienu, minhabba allegat nuqqas ta' sengha kif ihaddmu l-magni, diga' kkagunaw hsara f'magni ohra. Ghalhekk ighid li l-amministrazzjoni kienet hadet id-decizjoni li ma tixtrix il-magna in kwistjoni. Madankollu l-provi li ressaq il-bank *prima facie* ma jikkoraborawx tali dikjarazzjoni.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-magna MPR5000 il-qorti ghandha d-dubju, meta tqies:-

a. Dak li rrizulta fir-rigward tal-magna MPR5800;
b. Ma tressaq l-ebda ftehim ta' kirja dwar il-magna MPR5000 u anzi l-unici dokumenti li gew prezentati jirreferu ghall-perjodu meta kien hemm diga' l-kwistjoni bejn il-kontendenti;
c. Li l-bank ma jirrizultax li gie nfurmat minn Bryvarc Limited li fil-fabbrika ghandu makkinarju li qieghed jikri minghand terzi;

Il-qorti m'hijiex tal-fehma li tista' tistrieh biss fuq id-dokument li pprezentat Bryvarc Limited.

**Fic-cirkostanzi qeghda tichad it-talba ta' Bryvarc Limited. Spejjez a karigu tal-istess kumpannija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------